PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0080(AVC)

30.6.2008

****

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea (9116/2008 – COM(2008)0209 – C6-0209/2008 – 2008/0080(AVC))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Marian-Jean Marinescu

PR_AVC_art83

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll mal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea
(9116/2008 – COM(2008)0209 – C6-0209/2008 – 2008/0080(AVC))

(Proċedura ta' kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2008)0209),

– wara li kkunsidra l-Protokoll mal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, (8689/08),

– wara li kkunsidra l-Protokoll mal-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja. tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles ta' persuni[2],

– wara li kkunsidra t-talba għal kunsens magħmula mill-Kunsill skond l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu, u mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tat-Trattat KE (C6-0209/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005[3],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

[1] ĠU L 89/30 ta' 28.03.2006.
[2] ĠU L 114/6 ta' 30.04.2002.
[3] ĠU L 157/203 ta' 28.03.2006.

1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Konfederazzjoni Żvizzera.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha (il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja, l-Ingilterra min-naħa l-waħda u l-Iżvizzera min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni, ġiet iffirmata fil-21 ta' Ġunju 1999 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002[1].

Wara l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri ta' l-UE l-ġodda (UE10) fl-1 ta' Mejju 2004, il-Ftehima ġiet emendata permezz ta' Protokoll u estiża għall-UE 10 (ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u l-Islovakkja). Dan l-ewwel Protokoll mal-Ftehima kien iffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fis-26 ta' Ottubru 2004 u, wara referendum pożittiv fl-Iżvizzera dwar dan fil-25 ta' Settembru 2005, daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006[2]. Il-Protokoll isegwi l-mudell tal-Ftehima ma' l-UE 15, u ifassal kwoti, arranġamenti għall-aċċess għas-suq tax-xogħol, restrizzjonijiet u klawsoli protettivi.

Wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, il-Ftehima trid tiġi emendata għal darb'oħra, sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti l-ġodda fiha.
Fil-5 ta' Mejju 2006, wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill lill-Kummissjoni, ġew imnedija negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera għat-tieni Protokoll mal-Ftehima dwar il-moviment ħieles tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulġarija u tar-Repubblika tar-Rumanija. In-negozjati ġew konklużi fid-29 ta' Frar 2008 bl-inizjalizzazzjoni ta' l-abbozz finali. Dan it-tieni Protokoll mal-Ftehima ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fis-27 ta' Mejju 2008.

II. Il-protokoll mal-ftehima bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar il-moviment ħieles tal-persuni wara l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri, ir-Rumanija u l-Bulgarija (UE 2), fl-1 ta' Jannar 2007 (il-protokoll preżenti)

Din il-protokoll hija "l-estensjoni loġika" tal-Ftehima bl-UE 25. Filwaqt li tuża l-istess bażijiet legali bħall-protokoll ta' qabel (Protokoll ma' l-UE 10), il-protokoll preżenti tagħti lill-Iżvizzera d-dritt li żżomm limiti kwantitattivi għall-ħaddiema u l-persuni mir-Rumanija u mill-Bulgarija li jaħdmu għal rashom, sabiex gradwalment l-aċċess taż-żewġ nazzjonalitajiet għas-suq tax-xogħol Żvizzeru jsir aktar faċli, u jidħlu gruppi akbar kull sena, iżda li jkunu dipendenti min-nies Żvizzeri li jistgħu jaħdmu u mill-figuri dwar l-impjieg.

L-Iżvizzera timponi limiti għall-perijodi ta' tranżizzjoni (total ta' seba' snin, bħal ma hu għall-UE 10) rispettivament:

[1] L-Iżvizzera hija waħda mill-membri fundaturi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), iżda mhux membru taz-Zona Ekonomika Ewropea (EEA). Il-vot tagħha kontra l-adeżjoni ma' l-EEA wasslet għal sensiela ta' Ftehimiet mal-Komunità Ewropea u ma' l-Istati Membri tagħha;
[2] ĠU L 89/30 ta' 28 ta' Marzu 2006, p. 30

- Perijodu inizzjali ta' tranżizzjoni ta' sentejn li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-protokoll preżenti,
- It-tieni perijodu ta' tranżizzjoni ta’ tliet snin, fil-każ li r-rapport mill-Iżvizzera dwar l-iffunzjonar ta’ l-ewwel perijodu ta’ tranżizzjoni jagħti notifika ta’ l-intenzjoni ta’ l-Iżvizzera li tkompli tapplika limiti kwantitattivi[1].
- Perijodu żejjed ta’ sentejn, fil-każ biss ta’ "disturbi serji tas-suq tax-xogħol tagħha jew ta' theddida tagħhom” l-Iżvizzera tkun tista’ żżomm il-limiti kwantitattivi.

Il-protokoll jinkludi wkoll klawzola speċjali ta’ protezzjoni li għal għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tal-protokoll, tippermetti lill-Iżvizzera biex titlob kwoti fuq in-numru ta' immigranti, fil-każ li n-numru tal-permessi tar-residenza l-ġodda f'sena partikulari jaqbżu l-medja tat-tliet snin ta' qabel b'aktar minn 10%. Għas-sena ta’ wara, l-Iżvizzera tista’ tillimita n-numru tal-permessi tar-residenza l-ġodda għall-medja tat-tliet snin ta’ qabel biż-żieda ta’ 5%[2].
Filwaqt li jitqies li r-referendum fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tax-xogħol Żvizzeru għaż-żewġ Stati Membri huwa previst li jkun sa’ Mejju 2009 u li d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll preżenti jkun applikabbli wara dan ir-referendum, il-perijodu kopert minn din il-klawżola speċjali ta’ protezzjoni tista’ sservi sa’ l-2019.

Dawn il-limiti kwantitattivi fir-rispett ta’ l-aċċess mill-ħaddiema impjegati fl-Iżvizzera u għall-persuni li jaħdmu għal rashom li huma ċittadini tal-Bulgarija u tar-Rumanija japplikaw għaż-żewġ kategoriji ta’ residenza li ġejjin: residenza għal perijodu ta’ aktar minn erba’ xhur u inqas minn sena (għal żmien qasir) u residenza għal perijodu ugwali għal, jew aktar minn, sena (għal żmien twil)[3].

Matul il-perijodu sħiħ ta’ tranżizzjoni ta’ ħames snin, il-kwoti għall-permessi ġodda ta’ residenza għar-Rumanija u għall-Bulgarija se jikber minn 3.620 għal 9.090 (residenza għal żmien qasir) u minn 362 għal 1.046 (residenza għal żmien twil).

Miżuri ta’ tranżizzjoni jintitolaw ukoll lill-Iżvizzera biex iżżomm kontroll fuq il-prijorità ta’ ħaddiema integrati fis-suq tax-xogħol regolari, il-kontroll tal-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbi għaċ-ċittadini ta’ kwalunkwe Parti Kontraenti oħra. L-istess kontrolli jistgħu jinżammu għall-persuni li jipprovdu servizzi fl-erba’ setturi li ġejjin: Attivitajiet ta' servizzi ortikulturali; Kostruzzjoni, inklużi fergħat relatati; Attivitajiet ta' sigurtà; u Tindif industrijali.

B’segwitu għall-mudell tal-protokoll preċedenti (Protokoll ma’ l-UE 10), il-protokoll preżenti introduċa numru ta’ adattamenti li jikkonċernaw il-miżuri ta’ tranżizzjoni dwar ix-xiri ta’ art agrikola, foresti u art forestali minn ċittadini u kumpaniji Żvizzeri, kif ukoll ta’ residenzi sekondarji. Barra minn hekk, hemm adattamenti tekniċi, b’mod partikulari fir-rigward ta’ skemi ta’ sigurtà soċjali. L-adattamenti neċessarji dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta’ kwalifiki professjonali għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt tal-Ftehima.

[1] Fin-nuqqas ta’ din in-notifika, il-perjodu tranżitorju għandu jiskadi fl-aħħar tal-perjodu ta’ sentejn;
[2] Dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tal-Ftehima oriġinali;
[3] Id-detenturi ta’ permessi tar-residenza validi jkunu intitolati li l-permessi tagħhom jiġġeddu; l-eżawriment ta’ limiti kwantitattivi ma jistax ikun invokat kontrihom.

III. Il-ftuħ tas-suq tax-xogħol Żvizzeru għaż-żewġ Stati Membri l-ġodda

Skond l-aħħar inkjesta ta' l-Organizzazzjonijiet Ekonomiċi Żvizzeri[1], l-estensjoni tal-Ftehima dwar il-Moviment Ħieles tal-Persuni lejn iż-żewġ Stati Membri l-ġodda għandha importanza kruċjali għall-ekonomija Żvizzera.

Sabiex tkun evitata d-distabilizzazzjoni ekonomika u soċjali[2], l-awtoritajiet Żvizzeri assiguraw lill-poplu li s-suq tax-xogħol tagħhom se jinfetaħ bil-mod il-mod u, bħala konsegwenza tal-liberalizzazzjoni tas-suq, li l-pressjoni fuq il-paġi se tkun limitata. Sussegwentement, hemm possibilità li kwoti jerġgħu jiġu introdotti fuq il-bażi tal-klawżola tal-protezzjoni li tista' tibqa' tgħodd sa l-2019.

Madankollu, jekk il-Parlament Żvizzeru u l-Elettorat jirriffjutaw l-estensjoni tal-moviment ħieles tal-persuni lejn il-pajjiżi l-ġodda ta' l-UE, ikun hemm periklu li l-UE twaqqaf il-ftehima. Dan ifisser li l-hekk imsejħa klawżola giljottina issir applikabbli, u s-sitt Ftehimiet Bilaterali I l-oħra ta' l-1999 konsegwentament isiru nulli[3].
Skond il-Ftehima, l-estenzjoni tagħha hija soġġetta għar-referendums opzjonali li jevalwaw il-pożizzjoni taċ-ċittadini Żvizzeri f'din il-kwistjoni.

Fil-25 ta' Settembru 2005 sar referendum fuq din il-kwistjoni biex jivvalidaw id-dħul fis-seħħ tal-Protokol mal-Ftehima ma' l-UE 10[4].

Barra minn hekk, bħala konsegwenza ta' l-aħħar tal-perijodu ta' tranżizzjoni ta' seba' snin impost fuq l-UE 25, u l-bidu ta' fażi ġdida, jista' jkun li jsir referendum ieħor f'Mejju ta' l-2009[5].

IV. Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Benefiċċji ekonomiċi

L-estensjoni tal-Ftehima dwar il-Moviment Ħieles tal-Persuni bejn l-Iżvizzera u l-UE għall-

---

[1] Ara http://www.accords-bilateraux.ch/fileadmin/user_upload/bilaterale/pdf/fr/2008-06-16_Exp_Europe_Staempfli.pdf

[2] In-negozjati ma' l-Iżvizzera antiċipaw iż-żamma tar-restrizzjonijiet tas-suq tax-xogħol bħal ma huma l-prijorità nazzjonali, il-kontroll tal-paġi u l-limiti;

[3] Il-Ftehimiet Bilaterali I kienu jkopru l-moviment ħieles tal-persuni, it-trasport fit-toroq, it-trasport bl-ajru, l-agrikoltura, ir-riċerka, kif ukoll l-ostakoli tekniċi għan-negozju u l-appalt pubbliku, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002. Il-Ftehimiet Bilaterali II ġew innegozjati minn Ġunju 2002 u fihom ftehimiet li jikkonċernaw it-tassazzjoni tat-tifdil; il-koperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi; l-assoċjazzjoni ta' l-Iżvizzera ma' l-acquis ta' Schengen; il-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fir-regolamenti ta' "Dublin" tal-"Eurodac"; in-negozju fi prodotti agrikoli pproċessati; il-parteċipazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u fin-network Ewropew ta' l-osservazzjoni għall-informazzjoni fuq l-ambjent (EIONET); il-koperazzjoni fl-istatistika; il-parteċipazzjoni Żvizzera fil-programmi Media plus u Media training, u biex tkun evitata t-tassazzjoni doppja għall-pensjonanti ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji;

[4] Stħarriġ ta' l-opinjoni li ġie ppubblikat f'Jannar ta' l-2005 wera li 52% ta' l-elettorat qalu li jkunu favorevoli li l-ftehima fuq il-moviment ħieles tiġi estiża filwat li 30% kienu kontra u 18% ma kienux deċiżi;

[5] Il-Kamra tar-Rappreżentanti Żvizzera ddeċidiet li r-referendum biex titwal il-ftehima ma' l-UE 25 għandha tkun separata mill-ewwel referendum għall-UE 2 dwar id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll mal-Ftehima ta' wara l-adeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija ma' l-UE.

għaxar pajjiżi l-ġodda ta' l-UE fetħet l-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u ż-żieda fil-volum tan-negozju ma' dawk il-pajjiżi kellha impatt fuq it-tkabbir ekonomiku Żvizzeru. Skond rapport ippubblikat mis-Segretarjat ta' l-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-immigrazzjoni kienet ġiet aġġustata għall-ħtiġijiet ta' l-Iżvizzera fis-suq tax-xogħol fuq il-bażi ta' l-iżviluppi ċikliċi u kien hemm riżultati pożittivi għall-ekonomija domestika.

Huwa mistenni li l-estensjoni ta' din il-Ftehima għar-Rumanija u għall-Bulgarija se tintensifika l-kompetizzjoni fuq is-suq tax-xogħol Żvizzeru, se jkun aktar faċli li impjegati Żvizzeri jintbagħtu f'dawn iż-żewġ pajjiżi, se ttejjeb il-possibilitajiet li jkun impjegat persunal Rumen u Bulgaru u tiftaħ ukoll swieq futuri għall-esportazzjoni Żvizzeru. L-istatistiki juru li s-suq tax-xogħol Żvizzeru jeħtieġ persunal partikularment bi kwalifiki għoljin, b'mod speċjali fl-oqsma ta' l-amministrazzjoni, ta' l-akkademja u dak tekniku.

Xi setturi ta' l-ekonomija Żvizzera pereżempju t-turiżmu, l-industrija ta' l-ospitalità l-agrikoltura u l-qasam tas-saħħa għandhom it-tama li dan il-ftuħ jipprovdihom ukoll b'vantaġġi meta jaslu li jimtlew il-pożizzjonijiet battala b'rekwiżiti ta' kwalifiki aktar baxxi.

Sfidi ppreżentati minn dan il-Protokoll

Ir-rapporteur jilqa' l-estensjoni tal-ftehima għax jemmen li kemm ir-Rumanija kif ukoll il-Bulgarija min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera min-naħa l-oħra, ikollhom ħafna x'jiggwadanjaw fil-kuntest ta' Ewropa mkabbra li tippromwovi politiki ekonomiċi li jimmiraw għat-tkabbir u l-impjieg, mhux biss ġewwa l-UE iżda wkoll fil-pajjiżi ġirien.

Madankollu, meta jqabbel il-Protokoll ta' wara l-adeżjoni ta' l-UE 10 ma' dak ta' wara l-adeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija, ir-rapporteur jinnota li minkejja l-istess perijodu ta' tranżizzjoni totali impost mill-Iżvizzera għall-UE 10 u għall-UE 2 hemm differenza fil-perijodu ta' żmien speċifikat.

Din id-differenza hija minħabba l-bażi tad-dħul differenti ta' l-applikabilità tal-Protokolli[1], li jżid mill-inqas sentejn oħra mal-perijodi ta' tranżizzjoni kollha imposti fuq ir-Rumanija u fuq il-Bulgarija[2]. Il-bażi tad-dħul tiddependi fuq mod inkonsistenti biex ikun stabbilit il-bidu ta' dawn il-perijodi ta' tranżizzjoni: bħala bidu tintuża d-data ta' l-adeżjoni tagħhom għall-UE 10 (01.04.2004) u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għall-UE 2 (rispettivament, wara r-referendum Żvizzeru previst f'Mejju 2009).

Għalhekk, filwaqt li jikkunsidra s-sentejn ta' bidu tard għar-Rumanija u għall-Bulgarija, ir-

[1] Il-protokoll mal-Ftehima bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar il-moviment ħieles tal-persuni wara l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri ta' l-UE (UE 10) fl-1 ta' Mejju 2004 tipprevedi l-perijodi ta' tranżizzjoni li ġejjin: Perijodu inizzjali ta' tranżizzjoni li jdum sal-31 ta' Mejju 2007, tieni perijodu ta' tranżizzjoni li jdum sal-31 ta' Mejju 2009, u perijodu ta' sentejn żejda, sa l-2011; il-klawżola speċjali ta' protezzjoni għall-Iżvizzera hija prevista sa l-2014;

[2] Il-klawżola speċjali ta' protezzjoni għall-Iżvizzera hija wkoll sentejn aktar għall-UE 2 meta mqabbla ma' dik għall-UE 10. Dan minħabba li din il-klawżola hija prevista sa l-2014 għall-UE 10, rispettivament tnax-il sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehima oriġinali, fl-2002 u, konsegwentament, għal għaxar snin wara l-adeżjoni ma' l-UE, u sa l-2019 għall-UE 2, li jfisser għal għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tal-protokoll preżenti previst għall-2009, u konsegwentament, għal tnax-il sena wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-UE.

rapporteur jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tuża d-diliġenza mistħoqqa sabiex ikun żgurat it-tħaffif ta' dan il-proċess u sabiex ikun żgur li l-Konfederazzjoni Żvizzera ma tipposponix ir-ratifika tagħhom, sabiex il-Protokoll preżenti jidħol fis-seħħ immedjatament wara t-twettiq tar-referendum previst dwar din il-kwistjoni.
Minħabba dawn ir-raġunijiet kollha, ir-rapporteur jappoġġja l-ftehima u jirrakkomanda li jingħatha l-kunsens.